Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/6335

7.11.2024

P9_TA(2024)0070

Mewġa ġdida ta' arresti tal-massa fil-Belarussja tal-attivisti tal-oppożizzjoni u tal-familjari tagħhom

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Frar 2024 dwar il-mewġa ġdida ta' arresti tal-massa fil-Belarussja tal-attivisti tal-oppożizzjoni u tal-familjari tagħhom (2024/2550(RSP))

(C/2024/6335)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'Jannar 2024, il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja (KGB) wettaq rejds, interrogazzjonijiet u detenzjonijiet immirati lejn aktar minn 200 membru tal-familji ta' priġunieri politiċi attwali u preċedenti kif ukoll benefiċjarji tal-inizjattiva "INeedHelpBY" dwar akkużi relatati ma' "estremiżmu"; billi l-maġġoranza huma ommijiet u nisa ta' priġunieri politiċi, inklużi Marina Adamovich, mart Mikalai Statkevich, Tatsiana Seviarynets, omm Pavel Seviarynets, u Daria Losik, mart Ihar Losik u li kienet arrestata qabel;

B. billi tressqu akkużi addizzjonali *in absentia* kontra 20 analist politiku, ġurnalist u soċjologu mlaqqgħin l-"analisti ta' Tsikhanouskaya", li qed jiffaċċjaw il-konfiska tal-proprjetà u r-revoka taċ-ċittadinanza jekk jinstabu ħatja;

C. billi l-priġunieri politiċi, inklużi l-mexxejja tal-partiti Mikalai Kazlou, Ryhor Kastusiou, Mikalai Statkevich u Pavel Seviarynets, jiffaċċjaw iżolament, tortura, ċaħda tal-kura medika u xogħol furzat;

D. billi l-aħħar repressjoni tipprecedi l-"elezzjonijiet" parlamentari u lokali fil-25 ta' Frar 2024; billi l-"liġi dwar il-partiti politiċi" tal-2023 qed tipprevjeni lill-partiti tal-oppożizzjoni demokratika milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-mewġa reċenti ta' arresti tal-massa fil-Belarussja u jħeġġeġ lir-reġim illeġittimu ta' Lukashenka jwaqqaf ir-repressjoni, speċjalment kwalunkwe persekuzzjoni marbuta mal-ġeneru, u jfakkar lir-reġim fl-obbligi internazzjonali tiegħu;

2. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' aktar minn 1 400 priġunier politiku, kif ukoll tal-familji tagħhom u tal-persuni detenuti arbitrarjament, u l-kumpens dovut lilhom, filwaqt li jiġu restawrati d-drittijiet sħaħ tagħhom;

3. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' trasparenza, libertà u ġustizzja qabel l-"elezzjonijiet" parlamentari u lokali fil-Belarussja u jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali biex ma jirrikonoxxux ir-riżultati;

4. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill iwieġbu billi jimponu sanzjonijiet aktar b'saħħithom fuq ir-reġim ta' Lukashenka, inkluż kontra oġġetti li jinvolvu xogħol furzat tal-priġunieri politiċi, sanzjonijiet finanzjarji aktar stretti, u sanzjonijiet fuq individwi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi uffiċjali ta' livell għoli u membri tal-forzi tas-sigurtà; jitlob tnaqqis ulterjuri tal-preżenza diplomatika tal-Belarussja fl-UE, appoġġ kontinwu għall-vittmi tar-reġim permezz ta' strumenti speċjali li jippermettulhom jiksbu viżi u permessi ta' residenza tal-UE u jindirizzaw każijiet ta' apolidija;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw id-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, jappoġġjaw it-trasformazzjoni tal-eżami tal-OHCHR tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja f'mekkaniżmu investigattiv kompletament indipendenti, jirrispettaw il-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, u biex jiżdied l-obbligu ta' rendikont permezz ta' ġuriżdizzjoni ekstraterritorjali u universali;

6. Itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Belarussja u l-appoġġ tiegħu għall-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu għal futur demokratiku u Ewropew u jibqa' impenjat li jaħdem bla heda mal-forzi demokratiċi, mas-soċjetà ċivili u mal-media indipendenti għall-benefiċċju tal-poplu tal-Belarussja;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi Belarussi, lill-awtoritajiet *de facto* Belarussi, lin-NU u lill-OSKE.